**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 12 ta' Diċembru, 2022**

**Rikors Maħluf Nru: 557/2008**

***RICHARD ENGLAND, MARY MART JAMES GUSTAF GOLLCHER, GLADYS MART ANTHONY ZAMMIT TABONA, ANTHONY CREMONA BARBARO OF ST GEORGE, U MARY MART JOHN SAMUT TAGLIAFERRO;***

***JOHN BUGEJA CARUANA BĦALA PROKURATUR F'ISEM EDWINA MART DAVID URQUHART POLLITT U CECILIA MART PIERRE BELLIER;***

***JOHN JOSEPH CREMONA BĦALA PROKURATUR F'ISEM ANNE MART ANDREW LEONARD ABRAHAMS;***

***U B'DIGRIET TAS-17 TA' LULJU 2018 IL-KAWŻA TKOMPLIET F'ISEM KARIN MARIA XUEREB, KARL MARIUS GOLLCHER, ERIKA SANDRA HILI U MARK FREDRICK GOLLCHER FLOK MARIA GOLLCHER LI MIETET WAQT LI MIEXJA L-KAWŻA***

***VS.***

***JOSEPH MUSCAT;***

***U B'DIGRIET TAD-9 TA' LULJU 2010:***

***MARTIN BIANCO, GEMMA MIFSUD BONNICI MART UGO, ALFRED BIANCO, JOSEPHINE TORTELL, ILKOLL AĦWA BIANCO WLIED IL-MEJTIN GEORGE BIANCO U MARY XEBBA BONACI;***

***CARMELO, JOSEPH, MARIA WILLVENSEDER MART GERHARD, RITA CALLEJA MART CHARLES, DUN NOEL, ANNA CALLEJA MART CHARLES, ANTHONY, VINCENT, GIOVANNI, PAUL, MARIO LKOLL AĦWA BIANCO WLIED IL-MEJJET PAUL U FILOMENA NÉE DEGABRIELE;***

***Georgette Bonett mart Anthony, u Maria Kerr mart Charles ulied il-mejtin Espedito Bonaci u Mary née Bianco;***

***Mario Bonaci, Anna Maria Bugeja mart Carmel, u Monique Vella legalment separata lkoll aħwa u wlied il-mejtin Sebastian Bonaci u Rose Marie née Busuttil;***

***Maria Caramagna mart Giuseppe, Carmen Mifsud armla ta' Alex u Anna Satariano mart Victor ulied il-mejtin Anthony Debono u Saverina Fenech; Josephine Farrugia armla ta' John, Mary Grace Fenech Azzopardi, legalment separata, u Anthony German ilkoll ulied Carmelo German u Antoinette xebba Fenech;***

***Karl German, Ingrid German u Nadya German ulied il-mejtin Carmel sive Lino German u Maureen German:***

***Ġew awtorizzati jintervjenu in statu et terminis;***

***U b'digriet tal-10 t'Awwissu 2012 Miriam Bonaci ġiet awtorizzata tintervjeni fil-kawża in statu et terminis;***

***U b'digriet tat-18 t'April 2012 il-kawża tkompliet f'isem Philip Edward Tortell flok martu Josephine Tortell li mietet waqt li miexja l-kawża;***

***U b'digriet tat-8 ta' Marzu 2018 il-kawża tkompliet f'isem Diane Vella Bianco Bonaci, Maria Henrietta magħrufa bħala Marika Cassar Torreggiani u Christopher Bianco flok Alfred Bianco li miet waqt li miexja l-kawża;***

***U b'digriet tad-29 ta' Ottubru 2018 il-kawża tkompliet f'isem Christopher Bianco, Francesco Bianco, Philip Bianco, Pauline Ciantar Bianco, Thomas James Bianco u Maria Gauci flok Anthony Bianco li miet waqt li miexja l-kawża;***

***U b'digriet tat-18 ta' Frar 2021 il-kawża tkompliet f'isem Marie Josette magħrufa bħala Josette Bianco, użufruttwarja, Marc Bianco, Francesca Bianco, Matthew Bianco u Michaela Bianco flok Carmelo Bianco li miet waqt li miexja l-kawża;***

***U b'digriet tas-27 ta' Ottubru 2021 ġew imsejħin fil-kawża l-Avukata Martha Mifsud u l-Prokuratur Legali Gillian Muscat bħala Kuraturi sabiex jirrappreżentaw is-sidien mhux magħrufa tas-sehem ta' wieħed minn sebgħa u sebgħin (1/77) tal-biċċa raba' maqsuma magħrufa bħala "Ta'***

***ĦABEL IT-TWIL" LI TINSAB FIL-KUNTRADA "TA' L-IMBORDIN", FIL-LIMITI TAL-MELLIEĦA ĠJA FIL-LIMITI TA' SAN PAWL IL-BAĦAR U TAL-BIĊĊA RABA' MAQSUMA MAGĦRUFA BĦALA "IĊ-ĊENS TAL-PALMA" FIL-KONTRADA MAGĦRUFA BĦALA "TAL-PALMA" FIL-LIMITI TAL-IMĠARR, QABEL UKOLL FIL-LIMITI TA' SAN PAWL IL-BAĦAR***

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali dwar it-talbiet kollha mressqa mill-atturi sabiex il-konvenut Joseph Muscat jiġi mġiegħel joħroġ 'il barra mir-raba' tagħhom;

***Daħla***

2. B'rikors maħluf imressaq fit-**30 ta' Mejju, 2008**, l-atturi fissru li huma sidien ta' żewġ biċċiet raba' maqsuma: waħda magħrufa bħala "Ta' Ħabel it-Twil", li tinsab fil-kuntrada "Ta' l-Imbordin", fil-limiti tal-Mellieħa qabel fil-limiti ta' San Pawl il-Baħar; u l-oħra magħrufa bħala "Iċ-Ċens tal-Palma" fil-kontrada magħrufa bħala "Tal-Palma" fil-limiti tal-Imġarr, qabel ukoll fil-limiti ta' San Pawl il-Baħar;

3. L-atturi saħqu li l-konvenut Joseph Muscat, b'mod abbużiv u mingħajr ebda titlu validu fil-liġi, daħal fir-raba' hawn fuq imsemmija u beda jokkupahom u jaħdimhom kontra r-rieda tagħhom. Huma qalu wkoll li fil-21 ta' Novembru, 2007 huma kienu bagħtu ittra uffiċjali lill-konvenut Joseph Muscat u fiha sejħulu biex joħroġ minn din ir-raba' u jroddilhom lura l-pussess tagħhom, iżda huwa baqa' m'għamilx dan;

4. Għalhekk, huma kellhom jiftħu din il-kawża fejn talbu lil din il-qorti biex:

> *«1. Tiddikjara li l-intimat qiegħed jokkupa ż-żewġ porzjonijiet ta' raba', waħda magħrufa bħala "Ta' Ħabel it-Twil" li tinsab fil-kuntrada "Ta' l-Imbordin", fil-limiti tal-Mellieħa ġja fil-limiti ta' San Pawl il-Baħar tal-kejl ta' ċirka tlettax (13)-il tomna, u l-oħra magħrufa bħala "Iċ-Ċens tal-Palma" fil-kontrada magħrufa bħala "Tal-Palma" fil-limiti tal-Imġarr, qabel ukoll fil-limiti ta' San Pawl il-Baħar tal-kejl ta' ċirka sebat (7) itmiem, illegalment u mingħajr ebda titolu validu fil-liġi;*

*2. Tordna lill-intimat sabiex jiżgumbra mir-raba' msemmi u dan fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu prefiss.*

*Salv kull dritt spettanti lir-rikorrenti u speċjalment għad-danni kontra l-intimat.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimat minn issa inġunt għas-subizzjoni.»*

5. Fid-**<u>19 ta' Ġunju, 2008</u>**, il-konvenut Joseph Muscat ressaq it-tweġiba maħlufa tiegħu u fiha qal hekk:

*«Illi t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda, bl-ispejjeż kontra l-atturi, minħabba karenza ta' interess ġuridiku da parte tal-istess atturi; illum infatti l-atturi ma għandhom ebda titolu ta' proprjetà fuq iż-żewġ porzjonijiet diviżi ta' raba' identifikati fir-rikors promotorju, li minnhom qed jitolbu li jiġi żgumbrat l-eċċipjenti.*

*Salvi eċċezzjonijiet oħra.»*

6. B'digriet mogħti minn din il-qorti, kif impoġġija b'Imħallef ieħor, waqt is-seduta tad-**<u>9 ta' Lulju, 2010</u>**, hija ħalliet lill-intervenuti fil-kawża jintervjenu *in statu et terminis* u tathom għoxrin jum żmien biex jippreżentaw ir-risposta maħlufa tagħhom;

7. Dawn wieġbu għat-talbiet tal-atturi fit-**<u>28 ta' Lulju, 2020</u>** u qalu hekk:

*«1. Illi permezz ta' digriet mogħti fid-disgħa (9) ta' Lulju, 2010 din l-Onorabbli Qorti laqgħet it-talba tal-esponenti odjerni illi jintervjenu fil-kawża stante il-fatt illi huma għandhom interess ġuridiku dirett fil-mertu tal-kawża odjerna;*

*2. Illi r-rikorrenti qegħdin jivvantaw li huma s-sidien tal-art oġġett ta' dina l-kawża liema art hija parti minn proprjetà akbar li tappartjeni lill-esponenti u li r-rikorrenti qegħdin jivvantaw abbużivament u mingħajr ebda titolu validu fil-liġi illi [huma] l-proprjetarji tal-art in kwistjoni;*

*3. Illi t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħhom u dan għaliex huma ma għandhom ebda interess ġuridiku fl-art mertu ta' dina l-kawża peress li ma għandhom ebda titolu ta' proprjetà fuq iż-żewġ porzjonijiet diviżi ta' raba' identifikati minnhom fir-rikors ġuramentat liema raba' tifforma parti minn estensjoni ta' art akbar li hija proprjetà tal-esponenti;*

*4. Illi fil-fatt kull ma kellhom ir-rikorrenti kien biss titolu ta' enfitewsi temporanja, li ġie assenjat lilhom permezz ta' kuntratt li sar fid-disgħa (9) ta' Novembru 1937 bejn Edwin England Sant Fournier u Carmelo Fenech quddiem in-Nutar Oscar Azzopardi liema titolu ta' ċens temporanju skada fl-14 ta' Awissu 2006 peress illi kien ingħata għaż-żmien rimanenti minn disgħa u disgħin sena mid-data tal-kuntratt surreferit, u għalhekk fil-preżent m'għandhom l-ebda dritt jew titolu fuq l-art;*

*5. Illi għalhekk ir-rikorrenti ma għandhom ebda titolu validu tal-art inkwisjtoni.»*

8. B'sentenza mogħtija fit-**<u>23 ta' Ottubru, 2013</u>**, din il-qorti, kif impoġġija b'Imħallef ieħor, wara li ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Joseph Muscat u tal-intervenuti, għaddiet biex laqgħet it-talbiet kollha tal-atturi u ordnat lill-konvenut Joseph Muscat biex joħroġ mir-raba' tal-atturi fi żmien xahar. Hija ordnat ukoll li l-ispejjeż tal-kawża kellhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet;

9. Kemm il-konvenut Joseph Muscat u kif ukoll l-intervenuti appellaw minn din is-sentenza. Min-naħa tagħhom, l-atturi ressqu appell inċidentali dwar l-ispejjeż tal-kawża;

10. B'sentenza mogħtija fid-**<u>29 ta' Ottubru, 2018</u>**, il-Qorti tal-Appell ħassret is-sentenza li ngħatat fit-23 ta' Ottubru, 2013 u bagħtet lura l-atti quddiem din il-qorti biex isir smigħ wara li jissejħu fil-kawża s-sidien tas-sehem ta' wieħed minn sebgħa u sebgħin (1/77) tar-raba' mertu ta' din il-kawża jew kuraturi għalihom jekk dawn mhumiex magħrufa. Hija ordnat ukoll li l-ispejjeż tal-ewwel grad sa dakinhar tas-sentenza u tal-appell inċidentali tal-atturi kellhom jitħallsu mill-atturi; filwaqt li l-ispejjeż tal-appell tal-konvenut u tal-appell tal-intervenuti kellhom jinqasmu hekk: sehem minn tlieta (1/3) jħallsuh l-atturi, sehem minn tlieta (1/3) jħallsu l-konvenut u sehem minn tlieta (1/3) jħallsuh l-intervenuti;

11. Issokta s-smigħ ta' din il-kawża quddiem din il-qorti, u b'digriet mogħti waqt is-seduta tas-**<u>27 ta' Ottubru, 2021</u>**, din il-qorti ordnat li jiġu msejħa fil-kawża kuraturi sabiex dawn jirrappreżentaw is-sehem ta' wieħed minn sebgħa u

sebgħin (1/77) tar-raba' mertu ta' din il-kawża. Għal dan il-għan ġew maħtura bħala kuraturi l-avukata Martha Mifsud u l-prokuratur legali Gillian Muscat;

12. Dawn ressqu t-tweġiba maħlufa tagħhom fis-**<u>7 ta' April, 2022</u>**, u fiha qalu hekk:

> *«Illi l-esponenti ma hijiex edotta mill-fatti u għalhekk tirriżerva li tressaq eċċezzjonijiet ulterjuri f'dak l-istadju.»*

13. Il-partijiet għalqu l-provi kollha tagħhom fis-seduta tas-**<u>27 ta' Mejju, 2022</u>**;

14. L-atturi ressqu s-sottomissjonijiet bil-miktub tagħhom fit-28 ta' Lulju, 2022, filwaqt li l-intervenuti ressqu tagħhom fis-26 ta' Ottubru, 2022. Il-konvenut Joseph Muscat u l-kuraturi għażlu li ma jressqux nota ta' sottomissjonijiet fiż-żmien li ġie mogħti lilhom;

15. Saret seduta fis-**<u>6 ta' Diċembru, 2022</u>**, fejn il-qorti semgħet l-aħħar sottomissjonijiet bil-fomm tal-avukati li kienu preżenti, u minn hemmhekk din il-kawża tħalliet biex tingħata s-sentenza llum;

***Fatti***

16. Saverio Fenech kien kiseb b'titlu ta' xiri, sehem mhux maqsum ta' sitta u sebgħin minn sebgħa u sebgħin (76/77) mill-artijiet li dwarhom saret din il-kawża. Aktar tard, b'kuntratt tat-**<u>28 ta' Mejju, 1907</u>**, l-istess Saverio Fenech kien ta l-istess sehem lil Giacomo Muscat, li jiġi l-bużnannu tal-konvenut Joseph Muscat, b'titlu ta' enfitewsi għal disgħa u disgħin (99) sena, b'ċens ta' tmintax-il lira, ħames xelini, żewġ soldi u tliet ħabbiet (£18 5*s* 2 1/4*d*) fis-sena (ara l-kuntratt f'paġni 10 sa 16 tal-atti tal-kawża);

17. Madwar sitt snin wara, fil-**<u>25 ta' Novembru, 1913</u>**, sar kuntratt ta' transazzjoni u qsim fl-atti tan-Nutar Luigi Gauċi (ara paġni 17 sa 64 tal-atti tal-kawża) bejn Saverio Fenech, li kien direttarju, u ż-żewġ uliedu Carmelo Fenech u Giuseppa

Bianco li bih, fost affarijiet oħra, l-istess Saverio Fenech assenja lil ibnu Carmelo Fenech:

> *«il diretto dominio temporaneo ed annuo canone di Lire Sterline 18, 5s 2 1⁄4d parte indivisa di 76/77 parte indivise delle terre appellate ... ... ...»*

18. Imbagħad, b'kuntratt tad-**9 ta' Novembru, 1937** (ara paġni 65 sa 74 tal-atti tal-kawża), Carmelo Fenech ittrasferixxa lill-Perit Edwin England Sant Fournier, b'titolu ta' tpartit:

> *«... ... ... parti waħda indiviża minn mija ħamsa u ħamsin parti indiviża tad-dirett dominju, proprjetà u ċens (canone) ta' tmintax-il lira sterlina, ħames xelini, żewġ soldi u tliet ħabbiet (£18-5-2 1⁄4) fis-sena għaż-żmien li fadal biex jalak (jagħlaq) iċ-ċens (enfitewsi) ta' xi sebgħin sena oħra impost fuk (fuq) sitta u sebgħin parti indiviża minn sebgħa u sebgħin parti indiviża ta' tliet għaliki (għelieqi) li jinsabu fil-limiti ta' San Pawl il-Baħar ... ... ... »*

19. Xahrejn wara, b'kuntratt tal-**15 ta' Jannar, 1938** (ara paġni 74 sa 84 tal-atti tal-kawża), l-istess Carmelo Fenech ittrasferixxa lill-Perit Edwin England Sant Fournier:

> *«... ... ... mija erbgħa u ħamsin parti indiviżi minn mija ħamsa u ħamsin parti indiviżi tad-dirett dominju proprjetà u ċens (canone) ta' tmintax-il lira sterlina, ħames xelini, żewġ soldi u tliett ħabbiet (£18-5- 2 1⁄4) fis-sena għaż-żmien li fadal biex jalak (jagħlaq) iċ-ċens (enfitewsi) ta' xi sebgħin sena oħra impost fuk (fuq) sitta u sebgħin parti indiviża minn sebgħa u sebgħin parti indiviża ta' tliet għaliki (għelieqi) li jinsabu fil-limiti ta' San Pawl il-Baħar ... ... ...»*

20. L-attur Richard England eventwalment wiret lil missieru Edwin England Sant Fournier li miet fis-sena 1969. Imbagħad, billi l-attur Richard England għaraf illi missieru kien kiseb l-art kemm f'ismu, kif ukoll bħala mandatarju *prestanome* għall-awtriċi tal-atturi l-oħra, b'kuntratt tal-**4 ta' Diċembru, 2002** magħmul fl-atti tan-Nutar Francis Micallef (ara paġni 85 sa 91 tal-atti tal-kawża), l-istess attur Richard England u l-atturi l-oħra ppreċiżaw l-ishma rispettivi tagħhom fil-

komproprjetà tal-ishma, fis-sens illi l-attur Richard England għandu n-nofs (1⁄2) mhux maqsum u l-atturi l-oħra għandhom in-nofs (1⁄2) l-ieħor;

21. L-utili dominju temporanju ta' disgħa u disgħin sena maħluq bil-kuntratt tat-28 ta' Mejju, 1907, eventwalment għadda għand in-neputijiet ta' Giacomo Muscat, fosthom Wistin Muscat, li jiġi missier il-konvenut Joseph Muscat. Dan l-utili dominju temporanju ntemm fl-**<u>14 ta' Awissu, 2006</u>**. Wara li għalaq iċ-ċens, kemm l-atturi, kif ukoll l-intervenuti *in statu et terminis* ippretendew li huma s-sidien tal-artijiet inkwistjoni. Fl-istess waqt, il-konvenut Joseph Muscat, baqa' jaħdem ir-raba' inkwistjoni;

22. Il-konvenut Joseph Muscat ġie msejjaħ mill-atturi biex joħroġ minn dan ir-raba' b'ittra uffiċjali tal-**<u>21 ta' Novembru, 2007</u>**;

23. Madankollu, Joseph Muscat baqa' jokkupa r-raba' inkwistjoni u għalhekk, fit-**<u>30 ta' Mejju, 2008</u>**, l-atturi fetħu din il-kawża biex ikeċċuh minn hemm;

***Konsiderazzjonijiet***

24. Din hija kawża fejn l-atturi qegħdin jitolbu li l-konvenut Joseph Muscat jiġi ordnat joħroġ 'il barra mir-raba' tagħhom għaliex huwa qiegħed jokkupa din ir-raba' mingħajr ebda titlu validu fil-liġi. Fuq ix-xaqliba l-oħra, fit-tweġiba maħlufa tiegħu l-konvenut Joseph Muscat ma jmerix li huwa m'għandux titlu fuq ir-raba' inkwistjoni; madankollu huwa jisħaq li l-atturi m'għandhomx interess ġuridiku biex imexxu b'din il-kawża għaliex skontu huma m'għandhom l-ebda titlu fuq dawn iż-żewġ biċċiet raba'. Kemm hu hekk, din hija l-unika difiża mressqa mill-konvenut Joseph Muscat. L-istess difiża tressqet mill-intervenuti fil-kawża;

25. Fi kliem sempliċi, l-argument tal-konvenut Joseph Muscat u tal-intervenuti fil-kawża huwa li l-awtur tal-atturi, i.e. Carmelo Fenech, kien kiseb biss id-dirett dominju temporanju, u d-dritt li jitħallas il-*canone* sakemm tintemm l-enfitewsi, u

mhux ukoll il-proprjetà wara li tintemm l-enfitewsi. Min-naħa tagħhom, l-atturi ma jaqblu xejn ma' din it-teżi u jisħqu li bil-kuntratt tal-25 ta' Novembru, 1913, l-awtur tagħhom Carmelo Fenech kien kiseb kemm id-dirett dominju temporanju u kif ukoll il-proprjetà sħiħa ta' dawn iż-żewġ biċċiet raba' ladarba tasal fi tmiemha l-enfitewsi;

26. Din il-qorti tqis li fis-sentenza tad-29 ta' Ottubru, 2018 mogħtija f'dawn il-proċeduri stess, il-Qorti tal-Appell stħarrġet fid-dettall, kemm it-titlu li l-atturi qegħdin jgħidu li għandhom fuq dawn iż-żewġ biċċiet raba', u kif ukoll l-argument li ressqu Joseph Muscat u l-intervenuti fil-kawża fir-rigward ta' dan it-titlu. Fis-sentenza tagħha l-Qorti tal-Appell tenniet hekk:

> *«15. Bl-argument illi l-atturi qegħdin jippretendu d-dirett dominju perpetwu l-konvenut qiegħed ifittex li jitfa' l-bżar fl-għajnejn. Il-kwistjoni ma hijiex jekk l-atturi għandhomx dirett dominju perpetwu, jew jekk id-dirett dominju jistax jew le jkun temporanju, iżda jekk il-proprjetà tistax tkun temporanja. L-atturi ma humiex qegħdin jgħidu illi għandhom dirett dominju perpetwu: qegħdin jgħidu illi meta ntemm l-utli dominju l-proprjetà kkonsolidat f'idejhom.*
>
> *16. Id-dirett dominju huwa proprjetà "kompressa" fis-sens li meta tispiċċa l-enfitewsi d-dirett dominju jerġa' "jespandi" biex isir proprjetà sħiħa. Din hija l-kwalità magħrufa bħala "l-elastiċità"[1] tal-proprjetà li jfisser li meta tispiċċa l-enfitewsi ma hemmx trasferiment tal-utli dominju lura lejn id-direttarju, iżda biss estinzjoni tal-utli dominju. Konsegwenza ta' dan hu illi, kif igħid testwalment l-**art. 1522 tal-Kodiċi Ċivili**, "F'kull każ ta' devoluzzjoni, tinħall, sew kwantu għall-fond kemm kwantu għall-miljoramenti, kull ipoteka, piż, jew servitù, ukoll jekk din is-servitù tkun inħolqot mingħajr il-fatt taċ-ċenswalist; u l-fond bil-miljoramenti jerġa' jmur lura ħieles għand il-padrun dirett". Id-direttarju huwa u jibqa' proprjetarju għalkemm, sakemm jintemm l-utli dominju, uħud mill-fakoltajiet tal-proprjetà ma jibqgħux f'idejh.*
>
> *17. Li jfisser dan għall-għanijiet tal-kawża tal-lum hu illi min, bħall-atturi, għandu d-dirett dominju temporanju għandu l-proprjetà li terġa' ssir sħiħa hekk kif tispiċċa l-enfitewsi u jintemm l-utli dominju. Dan wara kollox huwa wkoll rifless fil-kliem tal-kuntratt li bih l-awtur tal-atturi kiseb "dirett dominju, proprjetà u ċens (canone)",*

[1] "*... ... ... la capacità di riespandersi automaticamente non appena cessata la causa di una loro compressione*", **Torrente e Schlesinger, *Manuale di Diritto Privato, 14ma Edizione*, Giuffrè, 1994, § 172**.

*għalkemm strettament lanqas ma kien meħtieġ li tissemma wkoll il-proprjetà billi, kif rajna, id-dirett dominju huwa proprjetà, għalkemm "kompressa".*

*18. Fil-fatt, għalkemm huwa minnu illi fil-kuntratt ta' transazzjoni u diviżjoni tal-25 ta' Novembru 1913 fl-atti tan-Nutar Luigi Gauċi, bejn Saverio Fenech u ż-żewġ uliedu Carmelo Fenech u Giuseppa Bianco, jingħad illi Carmelo Fenech kiseb mingħand missieru Saverio Fenech "il diretto dominio temporaneo" u ma tissemmiex il-proprjetà, madankollu ladarba d-dirett dominju huwa proprjetà, u l-proprjetà hija dritt perpetwu[2], il-ksib tad-dirett dominju jġib miegħu l-ksib ukoll tal-proprjetà. Li ma kienx hekk il-proprjetà kienet tvesti f'Carmelo sakemm tintemm l-enfitewsi u terġa' ssir ta' missieru Saverio wara li tintemm l-enfitewsi, bi ksur tal-prinċipju tal-perpetwità tal-proprjetà. Dan qiegħed jingħad bla ħsara għal dak li sejjer jingħad aktar 'il quddiem dwar l-użukapjoni.*

…omissis…

*22. Essenzjalment il-konvenut qiegħed igħid illi l-awtur tal-atturi kiseb biss id-dirett dominju u għandu biss titlu għad-dirett dominju u mhux ukoll għall-proprjetà. Kif rajna, iżda, id-dirett dominju huwa proprjetà li, għalkemm kompressa, għandu inerenti fih il-potenzjal li jespandi biex isir proprjetà sħiħa hekk kif tintemm l-enfitewsi temporanja. Mela min jikseb titolu ta' dirett dominju qiegħed jikseb ukoll il-proprjetà li iżda ssir sħiħa biss hekk kif jintemm l-utli dominju vestit fl-enfitewta.*

*23. Il-kwistjoni tal-preskrizzjoni tqum għax għall-għanijiet tal-azzjoni tal-lum, li hija rei vindicatoria, huwa meħtieġ titolu oriġinali. Biex isseħħ l-użukapjoni ta' għaxar snin huma meħtieġa i. titolu tajjeb biex tgħaddi l-proprjetà, ii. il-pussess ad usucapionem, iii. il-bona fidi u iv. l- mogħdija ta' żmien.*

*24. i. It-titolu: il-kuntratti tal-1937 u l-1938 – li bihom l-awtur tal-atturi kiseb rispettivament "parti waħda indiviża minn mija ħamsa u ħamsin parti indiviża tad-dirett dominju, proprjetà u ċens (canone)" u "mija erbgħa u ħamsin parti indiviżi minn mija ħamsa u ħamsin parti indiviżi tad-dirett dominju proprjetà u ċens (canone)" tas-sehem ta' sitta u sebgħin minn sebgħa u sebgħin (76/77) tal-artijiet li dwarhom saret il-kawża – huma titolu tajjeb biex kiseb id-dirett dominju temporanju u proprjetà sussegwenti.*

*25. ii. Il-pussess: il-liġi tagħna adottat il-kunċett oġġettiv tal-pussess, mhux dak soġġettiv. Dan ifisser illi, fi kliem l-**art. 525(1) tal-Kodiċi***

[2] Ara *e.g.* **Baudry-Lacantinerie & Wahl, *Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile – Dei Beni*, § 203**.

***Ċivili**, "Il-preżunzjoni hija dejjem li kull persuna tippossjedi għaliha nfisha, u b'titolu ta' proprjetà", sakemm ma jintweriex illi l-pussess materjali ma bediex b'dik li fid-dottrina tissejjaħ causa detentionis: i.e. "meta ma jiġix ippruvat li hija bdiet tippossjedi f'isem ta' persuna oħra". Bil-fatt illi l-konvenut jew l-awtur tiegħu kien iħallas iċ-ċens lill-atturi jew lill-awtur tagħhom, dan kien għarfien tat-titolu tad-direttarju – l-atturi u l-awtur tagħhom – u għalhekk il-konvenut u l-awtur tiegħu ma kellhomx pussess tal-proprjetà għax kienu qegħdin iżommu f'isem id-direttarju li fih ivesti l-pussess, kif igħid l-**art. 524(2) tal-Kodiċi Ċivili**: "Persuna tista' tippossjedi bil-mezz ta' ħaddieħor illi jżomm il-ħaġa jew jeżerċita l-jedd fl-isem ta' dik il-persuna".*

*26. iii. Il-bona fidi: l-**art. 532** igħid illi "għandu dejjem jingħadd li wieħed huwa bona fidi, u min jeċċepixxi l-mala fidi għandu jippruvaha". Ma nġiebet ebda prova illi l-atturi kienu in mala fide dwar il-pussess tas-sehem ta' sitta u sebgħin minn sebgħa u sebgħin (76/77).*

*27. iv. Iż-żmien: bejn l-1938 u meta nfetħet il-kawża għaddew aktar minn għaxar snin, u għalhekk ma huwiex meħtieġ li mmorru aktar lura u nqisu kuntratti li saru qabel.*

*28.F'dan il-kuntest il-qorti tagħmel referenza għal dak li ntqal fuq fil-para. 18, viz. illi fil-kuntratt ta' transazzjoni u diviżjoni tal-25 ta' Novembru 1913 fl-atti tan-Nutar Luigi Gauci, bejn Saverio Fenech u ż-żewġ uliedu Carmelo Fenech u Giuseppa Bianco, jingħad illi Carmelo Fenech kiseb mingħand missieru Saverio Fenech "il diretto dominio temporaneo" u ma tissemmiex il-proprjetà. Bla ħsara għal dak li ġà ngħad dwar il-perpetwità tal-proprjetà, b'mod illi min jikseb id-dirett dominju jikseb ukoll il-proprjetà li terġa' ssir sħiħa hekk kif jintemm l-utli dominju, jingħad ukoll illi fl-azzjoni rei vindicatoria ma hijiex meħtieġa prova tal-għerq tat-titolu sa minn żmien Adam iżda huwa meħtieġ titolu oriġinali, bħal ma hija appuntu l-użukapjoni. It-titolu tal-atturi – il-kuntratti tal-1937 u l-1938 li bih l-awtur tagħhom kiseb "dirett dominju, proprjetà u ċens (canone) – huwa biżżejjed titolu għall-għanijiet tal-użukapjoni bla ma hu meħtieġ li tmur aktar lura fiż-żmien.*

…omissis…

*30. Is-sitwazzjoni iżda hija differenti għas-sehem l-ieħor ta' wieħed minn sebgħa u sebgħin (1/77).*

…omissis…

*31. Dwar dan is-sehem l-atturi la għandhom titolu u lanqas pussess. Ma għandhomx titolu għax il-kuntratti jsemmu biss l-ishma l-oħra u ma għandhomx pussess għax il-pussess li kellhom sakemm intemm*

*l-utli dominju kien permezz tal-ħlas lilhom taċ-ċens fuq l-ishma l-oħra u mhux fuq is-sehem wieħed minn sebgħa u sebgħin (1/77). X'ħaseb u x'ma ħasibx l-attur Richard England – illi huwa dejjem qies dawn l-artijiet bħala tiegħu u tal-kuġini tiegħu, l-atturi l-oħra, f'sehem sħiħ – huwa irrilevanti ladarba pussess materjali, la dirett u lanqas permezz ta' ħaddieħor, l-atturi ma kellhomx.*

*32. Mhuwiex biżżejjed li ssir prova ta' titolu fuq sehem indiviż għax ma tistax tiżgombra minn sehem indiviż, u lanqas ma jista', fil-kuntest ta' azzjoni bħal ma hija dik tallum, jinġieb l-argument illi de minimis non curat prætor għax sehem ta' wieħed minn sebgħa u sebgħin (1/77) minn immobbli jista' jkollu valur li ma jkunx traskurabbli.*

*32.Is-sentenza ċitata mill-atturi **Mary Teuma Castelletti v. Joseph Sant Manduca et**, mogħtija fid-29 ta' Jannar 1955 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ma tidhirx li hija relevanti għall-każ tallum. F'dik is-sentenza ntqal hekk:*

> *»Illi, fl-ewwel lok, [il-konvenut] eċċepixxa li l-attriċi, bħala kom-proprjetarja, ma tistax titlob l-iżgumbrament tal-konvenuti mingħajr il-kunsens u l-intervent tal-komproprjetarji l-oħra, u dawn ma ġewx ċitati kollha. Il-prinċipju inkovat huwa skont il-ġurisprudenza kostanti tal-qrati tagħna, il-komproprjetarji kollha, jew anki mingħand wieħed minnhom biss mingħajr ma dik il-lokazzjoni tkun ġiet impunjata skond il-liġi, imma dejjem fir-rapporti bejn lokatur u inkwilin; u dan għar-raġuni evidenti li l-inkwilin ikun assuma obbligazzjoni fil-konfront tal-komproprjetarji kollha, u għalhekk ma jistax wieħed, jew x'uħud, biss mill-komproprjetarji jiżgumbraw lil dak l-inkwilin, għal bżonn bi preġudizzju tal-komproprjetarji l-oħra, li jkunu, preżumibbilment, iriduh jibqa' jiddetjeni l-fond; u dana dejjem apparti l-konsiderazzjoni li mhix eżegwibbli sentenza ta' żgumbrament minn kwota indiviża ta' fond komuni.*
>
> *»Illi, però, dan ir-raġunament mhux applikabbli meta d-detenzjoni tal-fond tkun mingħajr titolu, bħal fil-każ li s-sullokazzjoni tkun ġiet projbita lill-inkwilin u dan jikri l-fond, anki f'parti biss, lil ħaddiehor; għaliex dana ma jistax ikollu titolu għat-tgawdija tal-fond, meta s-sullokatur ma setax, in vista ta' dik il-projbizzjoni, jagħti lis-subinkwilin dina t-tgawdija (v. **Paċifiċi Mazzoni, Locazione, § 174**). Għaldaqstant kull wieħed mill-komproprjetarji jkun jista' jitlob l-iżgumbrament ta' min ikun qiegħed jokkupa l-fond mingħajr titolu, anki mingħajr il-kunsens jew l-intervent tal-konsorti l-oħra (**v. Kollez. XXI-II-4333**).«*

*34. Dan ir-raġunament ma jgħoddx għall-każ tal-lum għax il-kwistjoni fir-rei vindicatoria mhijiex jekk il-konvenut għandux titolu – bħal ma kienet fis-sentenzi ċitati mill-atturi – iżda jekk l-attur tax prova biżżejjed tat-titolu tiegħu.*

*35. Is-soluzzjoni trid bilfors tkun illi l-ġudizzju mhuwiex integru. Dan ma jfissirx illi t-talbiet tal-atturi għandhom jiġu miċħuda iżda għall-integrità huwa meħtieġ illi jissejjaħ fil-kawża s-sid tas-sehem l-ieħor, jew personalment jew permezz ta' kuraturi jekk mhuwiex magħruf. Sejħa fil-kawża ma tistax issir fl-istadju ta' appell u għalhekk il-qorti, wara li, għall-kompletezza, tqis l-aggravji l-oħra, sejra tibgħat l-atti lura lill-ewwel qorti sabiex jerġa' jsir is-smigħ wara li ssir is-sejħa meħtieġa fil-kawża.»*

27. Fi ftit kliem, il-Qorti tal-Appell fissret li meta fil-25 ta' Novembru, 1913, l-awtur tal-atturi, Carmelo Fenech, kiseb id-dirett dominju temporanju fuq is-sehem mhux maqsum ta' sebgħa u sittin minn sebgħa u sebgħin (76/77) miż-żewġ biċċiet raba' mertu ta' din il-kawża, huwa kiseb ukoll il-proprjetà fuq dan is-sehem, inkluż id-dritt tal-proprjetà sħiħa ta' dan is-sehem, hekk kif kellha tiġi fi tmiemha l-enfitewsi. B'hekk il-Qorti tal-Appell sabet li l-atturi rnexxielhom juru li huma kellhom titlu tajjeb fuq dan is-sehem mhux maqsum ta' sebgħa u sittin minn sebgħa u sebgħin (76/77) minn dawn iż-żewġ biċċiet raba';

28. Madankollu, il-Qorti tal-Appell ma kinitx konvinta li l-atturi kellhom titlu fuq is-sehem mhux maqsum ta' wieħed minn sebgħa u sebgħin (1/77) mir-raba' inkwistjoni għaliex dan qatt ma ssemma fil-kuntratti li huma ressqu fl-atti biex jippruvaw it-titlu tagħhom. Kien għalhekk li l-Qorti tal-Appell qieset li sal-istadju tal-appell, il-ġudizzju ma kienx wieħed sħiħ u minħabba f'hekk hija ħassret is-sentenza tal-ewwel qorti u ordnat li jiġi msejjaħ fil-kawża s-sid ta' dan is-sehem mhux maqsum f'ismu personalment jew permezz ta' kuraturi f'każ li dan mhuwiex magħruf, u li jerġa' jsir smigħ wara li sseħħ din is-sejħa;

29. Wara li l-atti ġew mibgħuta mill-Qorti tal-Appell lil din il-qorti u ssokta s-smigħ tal-kawża, inqala' tilwim kbir bejn il-partijiet dwar min huwa s-sid tas-sehem mhux maqsum ta' wieħed minn sebgħa u sebgħin (1/77) tal-artijiet inkwistjoni għaliex il-partijiet ma bdewx jaqblu bejniethom dwar jekk dan is-sid huwiex l-atturi, l-intervenuti jew inkella l-kumpannija Wistin Muscat and Sons Limited;

30. Din il-qorti reġgħet fliet il-kuntratti li ġew ippreżentati fl-atti mill-partijiet u ma tara l-ebda raġuni għaliex hija m'għandhiex taqbel mal-konklużjoni milħuqa mill-Qorti tal-Appell dwar it-titlu li għandhom l-atturi fuq l-art inkwistjoni. Għalhekk l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut Joseph Muscat u tal-intervenuti fil-kawża dwar in-nuqqas ta' interess ġuridiku tal-atturi qiegħdin jiġu miċħuda;

31. Issa b'digriet mogħti minnha fis-27 ta' Ottubru, 2021, din il-qorti qieset li f'din il-kawża hija m'għandha l-ebda talba quddiemha sabiex jiġi ddikjarat min huwa s-sid tas-sehem mhux maqsum ta' wieħed minn sebgħa u sebgħin (1/77) taż-żewġ biċċiet raba' mertu ta' din il-kawża. Sewwasew, it-talbiet tal-atturi huma biss li l-konvenut Joseph Muscat jerħi minn idejh dan ir-raba'. Għalhekk, b'ħarsien ma' dak li ordnat il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tad-29 ta' Ottubru, 2018, hija ħatret kuraturi sabiex jirrappreżentaw is-sehem mhux maqsum ta' wieħed minn sebgħa u sebgħin (1/77) ta' dawn iż-żewġ biċċiet raba'. B'hekk, f'dan l-istadju l-ġudizzju issa huwa wieħed sħiħ għaliex fil-kawża ġew rappreżentanti s-sidien kollha taż-żewġ biċċiet raba' inkwistjoni;

32. Mill-ftit provi li tressqu quddiem din il-qorti kif impoġġija, il-konvenut Joseph Muscat baqa' ma weriex li huwa s-sid ta' dan is-sehem mhux maqsum ta' wieħed minn sebgħa u sebgħin (1/77) dawn iż-żewġ biċċiet raba';

33. Huwa minnu li fl-atti hemm imdaħħla kopja ta' kuntratt magħmul fit-18 ta' April tas-sena 2008 (ara paġni 179 sa 196 tal-atti tal-kawża) fejn il-konvenut Joseph Muscat, bħala direttur tal-kumpannija Wistin Muscat and Sons Limited, xtara s-sehem mhux maqsum ta' tlieta minn għaxra (3/10) minn żewġ biċċiet raba' magħrufa bħala "Tal-Palma", waħda fil-limiti tal-Imġarr u l-oħra fil-limiti tal-Mellieħa. Huwa minnu wkoll li f'dan il-kuntratt jingħad li l-awtur fit-titolu tal-bejjiegħa fuq l-istess kuntratt kien xtara s-sehem mhux maqsum ta' wieħed minn sebgħa u sebgħin (1/77) tal-imsemmija artijiet b'kuntratt tal-21 ta' Lulju, 1916;

34. Madankollu, fuq il-kuntratt tat-18 ta' April, 2018, il-konvenut ma kienx qiegħed jixtri f'ismu personali iżda f'isem il-kumpannija Wistin Muscat and Sons Limited u għalhekk huwa fiż-żgur ma jistax jgħid li huwa s-sid ta' dan is-sehem mhux maqsum ta' wieħed minn sebgħa u sebgħin (1/77) tal-biċċiet raba' inkwistjoni. Fuq kollox, fid-difiża tiegħu, il-konvenut Joseph Muscat qatt ma saħaq li huwa għandu xi titlu ta' sjieda fuq dawn ir-raba';

35. Għalhekk, meqjus dan kollu, u darba li bis-sejħa fil-kawża ta' kuraturi biex jirrappreżentaw dan is-sehem mhux maqsum ta' wieħed minn sebgħa u sebgħin (1/77) tar-raba' inkwistjoni, il-ġudizzju llum huwa wieħed sħiħ, il-qorti qiegħda ssib bħalma għamlet qabilha l-Qorti tal-Appell, li l-atturi għandhom titlu tajjeb skont il-liġi fuq dan ir-raba'. Għaldaqstant, ġaladarba l-atturi għandhom interess ġuridiku biex imexxu b'din il-kawża, l-eċċezzjoni tal-konvenut Joseph Muscat u kif ukoll l-eċċezzjonijiet kollha tal-intervenuti fil-kawża qegħdin jiġu miċħuda;

36. Dwar it-talba tal-atturi biex jiġi ddikjarat li l-konvenut Joseph Muscat m'għandu l-ebda titolu fuq ir-raba' inkwistjoni, il-qorti tqis li skont ir-regola ġenerali tal-proċedura, il-piż tal-prova jaqa' fuq min ikun qiegħed jallega n-nuqqas ta' titolu (ara l-**artikolu 562 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**);

37. Meta jingħad li persuna tkun qiegħda żżomm ġid immobbli bla titlu validu fil-liġi, irid jiġi muri li sa mill-bidu, il-parti konvenuta ma jkollhiex jedd fuq il-post miżmum minnha (ara ***Carmelina sive Lina Camilleri et v. Paul Mifsud et***, Appell Inferjuri, 12 ta' Awwissu, 1994). Il-frażi "bla titolu" iġġorr magħha t-tifsira li l-okkupazzjoni, sa mill-bidu nett, saret bla permess, jew għaliex din tkun twettqet mingħajr ir-rieda ta' sid il-post, jew inkella għaliex tkun ittieħdet b'mod abbużiv, bi vjolenza, arbitrarjament jew bil-moħbi mingħand is-sid. Dan l-istat ta' illegalità jrid ikun issokta sal-waqt li tinfetaħ il-kawża (ara ***L-Avukat Dottor Jean-Philippe Chetcuti et v. Maurice Vassallo Eminyan et***, Appell Superjuri, 27 ta' Ġunju, 2008);

38. Għalhekk, dak li trid tistħarreġ din il-qorti huwa jekk wara li l-konċessjoni enfitewtika mogħtija fit-28 ta' Mejju, 1907 ġiet fi tmiemha fl-14 ta' Awwissu, 2006, l-attur kisibx xi titlu validu skont il-liġi biex huwa jibqa' jokkupa u jaħdem ir-raba' inkwistjoni. Jekk jirriżulta li l-konvenut tassew għandu xi titlu, l-istħarriġ ta' din il-qorti jrid jieqaf minnufih (ara ***Lawrence Grima et v. Emanuel Frendo***, Appell Inferjuri, 2 ta' Awwissu, 1994);

39. Il-qorti tqis li hekk kif iċ-ċens temporanju fuq ir-raba' inkwistjoni ġie fi tmiemu, il-konvenut Joseph Muscat kien jaf li huwa ma setax jibqa' jokkupa din ir-raba' mingħajr il-permess tas-sidien. Kemm hu hekk, malli spiċċa ċ-ċens il-konvenut Joseph Muscat beda jara kif sejjer jagħmel biex jixtri r-raba' li kien qiegħed jaħdem. Madankollu, jidher li meta l-konvenut beda jwettaq it-tfittxijiet tiegħu dwar din ir-raba', huwa ġie mgħarraf mingħand in-nutar John Debono li l-atturi ma kinux is-sidien ta' din ir-raba', u għalhekk il-konvenut baqa' ma xtarax mingħandhom (ara l-affidavit ta' Joseph Muscat f'paġni 245 u 246 tal-atti tal-kawża). Kif rajna aktar 'il fuq, dan il-parir tan-nutar Debono ma kienx wieħed tajjeb għaliex aktar 'il fuq din il-qorti sabet li l-atturi tassew għandhom titlu fuq ir-raba' inkwistjoni;

40. Madankollu, huwa ċar li l-konvenut baqa' jokkupa u jaħdem din ir-raba' mingħajr ma kellu permess biex jagħmel hekk mingħand l-atturi. Sewwasew, ma tressqet l-ebda prova li wara li ġiet fi tmiemha l-enfitewsi temporanja, il-konvenut kien daħal f'xi ftehim mal-atturi biex dawn iqabblulu din ir-raba';

41. Għalkemm fil-kuntratt tat-18 ta' April, 2008, li permezz tiegħu l-kumpannija Wistin Muscat and Sons Limited xtrat is-sehem mhux maqsum ta' tlieta minn għaxra (3/10) minn żewġ biċċiet raba' magħrufa bħala "Tal-Palma", waħda fil-limiti tal-Mġarr u l-oħra fil-limiti tal-Mellieħa, jissemma li l-konvenut Joseph Muscat u l-familja tiegħu kienu l-bdiewa li kienu qegħdin jaħdmu dan ir-raba' u li kellhom il-pussess tiegħu, din id-dikjarazzjoni waħedha ma twassalx għall-ħolqien ta' kirja vera u proprja. L-aktar li din tista' twassal huwa għat-tolleranza fl-użu ta' dan ir-raba' u ma tagħti ebda dritt jew xi forma ta' titlu lill-konvenut (ara f'dan is-sens ***L-***

***Università ta' Malta v. Carmelo sive Charles Stivala et***, Appell Superjuri, 27 ta' Ġunju, 2014);

42. Fil-każ tagħna, il-konvenut Joseph Muscat ma ressaq l-ebda prova li huwa kien daħal f'xi kuntratt mal-kumpannija Wistin Muscat and Sons limited biex jikri r-raba' inkwistjoni. Fuq kollox, il-qorti hija msejħa li tistħarreġ u tistabbilixxi l-eżistenza ta' titlu tal-parti konvenuta fil-konfront tal-parti attriċi li trid tiżgumbraha. Mhuwiex biżżejjed, allura, li l-konvenut jipprova li qiegħed iżomm ġid immobbli bis-saħħa ta' xi relazzjoni ġuridika leġittima ma' ħaddieħor (ara ***Saviour Żammit v. Joseph Galea et***, Appell Superjuri, 30 ta' Marzu, 2001, ***Mario Borġ vs Joseph Borġ***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 14 ta' Ġunju, 2001, ***Joseph Muscat et v. Dr. Michael Tanti Dougall et pro et noe***, Appell Superjuri, 7 ta' Novembru, 2008, ***Il-Maġġur Francis Naudi nomine v. Dottor Joseph Portelli Demajo et***, Appell Superjuri, 25 ta' Novembru, 2016 u ***Marianna Calleja v. Emmanuel Calleja***, Appell Superjuri, 28 ta' April, 2017);

43. Għalhekk, anke li kieku stess il-konvenut ressaq xi prova li huwa daħal fi ftehim ta' kiri mal-kumpannija hawn fuq imsemmija dwar ir-raba' inkwistjoni, din ma tista' tkun tal-ebda fejda għalih. F'dan il-każ, il-konvenut ried jipprova l-eżistenza ta' relazzjoni ġuridika li tagħtih titlu fil-konfront tal-atturi – ħaġa li huwa baqa' ma għamilx;

44. Għaldaqstant, fid-dawl ta' dan kollu, il-qorti ssib li l-atturi rnexxielhom juru li l-konvenut Joseph Muscat tassew m'għandu l-ebda titlu fuq ir-raba' inkwistjoni u li huwa qiegħed jokkupa din ir-raba' illegalment, u għalhekk hija sejra tgħaddi biex tilqa' t-talbiet tagħhom u tordna lill-istess konvenut biex jerħi minn idejh ir-raba', mertu ta' din il-kawża, fi żmien xahar mid-data ta' din is-sentenza;

***Deċiżjoni***

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

i. **Tiċħad** kemm l-eċċezzjoni tal-konvenut Joseph Muscat u kif ukoll l-eċċezzjonijiet kollha tal-intervenuti fil-kawża għaliex l-atturi għandhom titlu validu fil-liġi fuq il-biċċa raba' magħrufa bħala "Ta' Ħabel it-Twil" li tinsab fil-kuntrada "Ta' l-Imbordin", fil-limiti tal-Mellieħa, qabel fil-limiti ta' San Pawl il-Baħar u tal-biċċa raba' maqsuma magħrufa bħala "Iċ-Ċens tal-Palma" fil-kontrada magħrufa bħala "Tal-Palma" fil-limiti tal-Imġarr, qabel ukoll fil-limiti ta' San Pawl il-Baħar, u b'hekk għandhom interess ġuridiku biex jissoktaw b'din il-kawża;

ii. **Tilqa'** l-ewwel talba tal-atturi u tiddikjara li l-konvenut qiegħed jokkupa r-raba' hawn fuq imsemmija illegalment u mingħajr ebda titlu validu fil-liġi; u

iii. **Tilqa'** t-tieni talba tal-atturi u tordna lill-konvenut Joseph Muscat biex joħroġ 'il barra mir-raba' hawn fuq imsemmija fi żmien xahar mid-data ta' din is-sentenza;

Fl-aħħar nett, il-qorti qiegħda **tordna** li l-ispejjeż marbuta ma' din il-kawża li ma ġewx deċiżi bis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Ottubru, 2018, għandhom jitħallsu hekk: (i) l-ispejjeż tal-atturi, tal-konvenut Joseph Muscat u tal-kuraturi għandhom jitħallsu kollha mill-konvenut Joseph Muscat; filwaqt li: (ii) l-ispejjeż tal-intervenuti fil-kawża għandhom jitħallsu minnhom stess.

---

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

---

**Mary Josephine Musu**
**Deputat Reġistratur**